# Sittin sena ilu
# IN-NAXXAR F'LUTTU GĦAL ULIEDU

Il-Polemika fuq il-logħob tan-nar fil-festi, mhux illum biss kienet, iżda ilha ġejja żmien. Mhux illum biss hawn min ma jaqbilx mal-logħob tan-nar, iżda anke dari, u wara xi ndident f'xi kamra tan-nar kienet tqum polemika fil-gazzetti. L-istess kien ġara sittin sena ilu, wara li kienet splodiet waħda mill-kmamar tan-nar fin-Naxxar, u ħalliet ħames vittmi fl-aħjar żmien ta' ħajjithom.

Kien il-Ħadd, 14 ta' Ġunju, 1936 fl-4.30 ta' wara nofs in-nhar, meta s-skiet li kien idawwar dan ir-raħal, ġie miksur minn splużjoni qawwija li heżżet ir-raħal. Ħafna ħasbu li kienet waħda mill-isparaturi li ta' sikwit kienu jinstemgħu dik il-ħabta, minħabba l-manuvri li kienu qegħdin isiru mill-militar Ingliż. X'uħud meta raw id-daħna li kkawżat l-isplużjoni u minn fejn kienet tiela, fehmu li kienet taret il-kamra tan-nar. Din kienet qalb l-għelieqi f'ta' l-"Għaqba" n-naħa tas-Simblija. Biex wieħed jifhem aħjar dan il-post jiġi ma ġenb fejn illum hemm l-Iskola Sekondarja u Teknika, fuq ir-riħ tal-wied ta' l-Iklin. Skond xi wħud li kienu fil-qrib, l-ewwel dehru l-ilsna tan-nar li kkaġunaw sħaba ħoxna sewda u wara seħħet l-isplużjoni.

In-nies flimkien mal-Kappillan Dun Manwel Micallef, li kien laħaq kappillan fl-1934, u l-kuntistabbli Briffa ġrew fuq il-post, biex jagħtu l-ewwel għajnuna b'periklu għal ħajjithom. Il-ħerba li sabu quddiemhom kienet kbira. Il-kamra ġiet imġarrfa kważi kollha, għajr għal parti n-naħa tal-lemin, fejn kien hemm il-bieb tad-dħul. It-travi tal-ħadid ġew imtajra mal-ħamsin jara l-bogħod, ċnagen, injam u biċċiet tal-materjal li bih jinħadem in-nar, tferrxu fit-triqat u fl-għelieqi. Il-kobor tal-isplużjoni deher mill-fatt li l-istatwa tal-qalb ta' Ġesu' li kienet għada kif tqegħdet f'nofs iċ-ċimiterju l-ġdid, li kien tbierek fil-31 ta' Marzu 1935, tkissret flimkien ma' għadd ta' twieqi fil-bini tal-qrib. L-eqreb bini kien 130 pied il-bogħod. Bil-ħidma u l-qlubija li wera l-kuntistabbli Briffa, li ġie mfaħħar mir-reporter ta' "Il-berka" li kien fuq il-post, flimkien ma' nies oħra, bdew iqalbu qalb it-tifrik, għall-vittmi.

Fuq il-post mar it-tabib distrettwali Dr. Vella, li assista mal-feruti li bdew ħerġin minn taħt it-tifrik. Dawn kienu sebgħa li malajr ġew meħuda l-isptar Ċentrali l-Furjana. Il-feruti kienu Mose' Galea ta' 29 sena (ta' Dexxin), Karmnu Galea ta' 26 sena (ta' Ħadidu), Salvator Quattromani ta' 19-il sena (ta' Campletta), Ġużeppi Falzon ta' 20 sena (ta' Klara), Karmnu Borg ta' 40 sena (ta' Bejbet), Emmanuel Agius ta' 22 sena (tal-Bonu'), u Patist Falzon ta' 22 sena (ta' Klara). Meta feruti ddaħħlu l-isptar ġew ikkurati mill-Professur Pietru Pawl Debono u t-Tabib Victor Tabone. Ħafna kienu qed ibatu minn xokk kbir, barra l-ġrieħi ta' ħruq ma' ġisimhom kollu. Xeni ta' qsim il-qalb kienu jidhru ħdejn l-isptar mill-qraba tal-vittmi, li marru magħhom, u li kienu fuq ix-xwiek jistennew il-verdett tat-tobba.

In-niket kompla jikber, meta minn taħt it-tifrik ħarġu l-ewwel vittma, Giovanni Falzon ta' 17-il sena li jiġi ħu Ġużeppi u Patist, li kien mar flimkien ma' Pietru Falzon jieħdu l-kafe' lill-ħaddiema, meta seħħet l-isplużjoni u baqa' mejjet. Kif jirriżulta fir-rapport ta' l-inkjesta, waqt it-traġedja fil-kamra kien hemm jaħdmu għaxar persuni. It-tnejn li ma ġralhom xejn kienu Vinċenzo Gauci u Pietru Falzon (ta' Luqa). Mill-ewwel il-pulizija bdiet il-ħidma tagħhom. Il-Kummissarju tal-Pulizija Salvatore Galea, flimkien mal-kap tas-CID Joseph Axisa ġew fuq il-post u bdew mill-ewwel l-istħarriġ tagħhom. Magħhom kien hemm ukoll is-Supretendent Alex Borg Cardona li ċempel lill-maġistrat Dr. F. Wirth biex jagħrfu bl-inċident. Il-pulizija ma ħalliet lil ħadd jersaq lejn il-post tad-disgrazzja. L-isplużjoni nstemgħet minn ħafna rħula u kif xterdet l-aħbar xi nies kurjużi, ġew in-Naxxar jaraw il-post tad-disgrazzja. Fis-6.40 ta' filgħaxija l-maġistrat Dr. Francesco Writh flimkien ma' l-iskrivan Edward Axiak Mifsud, is-Supretendent Borg Cardona, u membri oħra tal-Pulizija għamlu l-aċċess, fejn il-Maġistrat innota li qalb it-tifrik kien għad hemm jaqbdu fjammi tan-nar. Ġie maħtur il-perit Charles Cumbo biex jagħmel pjanta tal-post, u jagħti t-tagħrif meħtieġ. Ingħatat ukoll ordni biex jinġabru l-murtali mxerdin fl-egħlieqi.

Id-dieqa u s-swied il-qalb kiber meta fl-isptar dak in-nhar fit-tard miet Salvatore Quattromani. L-għada t-Tnejn 15 ta' Ġunju mietu Manwel Agius u Karmenu Borg, li kien miżżewweġ u ħalla ħames t'ifal fosthom tarbija tat-twelid. Meta l-gvernatur ta' dak iż-żmien, Sir Charles Bonham Carter, li kien gvernatur bejn is-snin 1936 u l-1940, semgħa bid-disgrazzja bagħat lill-Ajjutant tiegħu, il-Kaptan Edgar J. Salomone jwassal il-kondoljenzi lill-familji tal-vittmi. B'hekk it-Tnejn 15 ta' Ġunju filgħodu Salamone flimkien mal-Kappillan, it-Tabib Vella u s-supretendent tal-pulizija żaru d-djar tal-vittmi. Wara għamel l-istess il-Maġġur E.J. Briffa de Piro, Assistent Segretarju tal-Gvern f'isem il-Lient Governor Sir Harry Luke.

It-Tlieta, 16 ta' Ġunju, kien jum li fih in-Naxxarin sellmu għall-aħħar darba lil erbgħa minn sħabhom, li tant ferħuhom fil-festa tal-Vitorja bil-logħob tan-nar li kienu jaħdmu. Fil-ħamsa ta' wara nofs in-nhar beda l-funeral mill-Isptar Ċentrali. Wara t-twiebet kien hemm il-karozzi tal-familjari u qraba, bil-kripp iswed. Minn fejn għaddew

*ikompli f'paġna 77*

ikompli minn paġna 75

il-Furjana, il-Ħamrun u B'Kara kienu jidħru gruppi ta' nies iħarsu sogħbiena. Fis-sitta u kwart, il-funeral wasal in-Naxxar. Kull Naxxari li kien miġbur fil-pjazza kellu sinjal ta' vistu. Il-ħwienet kellhom nofs bieba magħluqa, jew kienu magħluqin għal kollox. Il-karozzi tal-Linja u l-ftit karozzi li kien hemm kienu wkoll bil-kripp, b'sinjal ta' vistu. Wieħed irid jiftakar, li qabel il-karozzi tal-Linja kienu jipparkjaw fil-pjazza ġeneralment ħdejn dawn iż-żewġ kappelli li kienu jservu ta' mħażen, u li fil-ħamsinijiet ġew imwaqqa' biex infetħet Triq il-Labour. Ġemgħat ta' nies ukoll minn barra r-raħal inġabru mit-triqat li jwasslu għaċ-ċimiterju. Meta l-korteo qorob lejn il-knisja, il-qniepen semmgħu leħinhom kiebi li tħallat mad-daqq tal-marċi funebri. Fin-Naxxar, il-funeral beda bi grupp żgħir ta' Boy Scouts quddiem. Warajhom mxiet is-Socjeta' Filarmonika La Pace, illum Peace Band, li daqqet marċi funebri, u l-kleru jkanta s-salmi. It-twiebet wieħed wara l-ieħor merfugħa fuq l-ispallejn minn erba' rġiel akkompanjati mill-ħbieb u familji jġorru l-kuruni.



Fl-aħħar mexa l-Kappillan Dun Manwel, mal-familjari u qraba tal-vittmi, flimkien mal-folla tan-nies. Fiċ-ċimiterju sar is-servizz tal-mejtin u wara l-vittmi ġew midfuna. Il-ħames vittma Ġużeppi Falzon kien għadu jilgħaba mal-mewt. Hu miet nhar il-Ħadd 5 ta' Lulju fl-Isptar Ċentrali. Lilu wkoll ingħata funeral xieraq.

Bħalma jiġri dejjem kulħadd beda jgħid

Bħalma jiġri dejjem kulħadd beda jgħid tiegħu, ta' x'setgħa kkawża l-isplużjoni. Ħafna sostnew li raġġ ix-xemx daħal f'waħda mill-kmamar u kellu effett fuq il-porvli. Oħrajn qalu li seta' ntuża' l-arbil bla ma ġie maħsul. L-isplużjoni kienet qawwija, għax fil-post kien hemm maħżun, fost materjal ieħor, mas-sitt mitt murtal lesti biex jinħarġu fix-xemx ħa jinxfu, u li kieku numru kbir ieħor ta' murtali, ma tteħdux f'post ieħor ftit taż-żmien qabel, it-traġedja kienet tkun akbar. Mid-distanza ta' fejn waqa' l-ġebel, it-tkissir tal-ħġieġ u t-tħeżżiż tal-bini juri li xorta kienet splużjoni qawwija, u għalkemm m'hemmx mezz li bih wieħed jista' jkun jaf bl-eżatt il-kwantita' ta' porvli u splussivi, wieħed jista' jgħid li l-kwantita' kienet akbar minn dik li trid il-liġi. Il-ħaddiema li kienu nvoluti fit-traġedja, kienu volontiera, li kienu jaħdmu fil-ħdud u l-festi u fil-ħin ħieles tagħhom. Xi kultant kienu jieħdu xi ħlas żgħir mill-flus li kienu jdaħħlu mill-ordnijiet li kien ikollhom. Jidher li f'din il-kamra kien isir xogħol professjonali, tant li l-permess ingħata wara li l-Professur Cafarelli, espert Taljan, kien qal li l-fabbrika kienet l-unika waħda f'Malta tajba għal dan ix-xogħol, "as the only firework factory in Malta adapted to its work." Il-mejjet Carmelo Borg, li l-permess tal-kamra kien fuq ismu, kien jaf ix-xogħol tiegħu sewwa. Kien iżomm il-post nadif u organizzat, u ma kien iħalli lil ħadd jidħol biż-żarbun u jpejjep. Is-"Scicluna's Bank" li kien immexxi mill-markiż John Scicluna, bl-uffiċċju tiegħu f'nru. 157 Strada Forni l-Belt Valletta, u li tnejn mill-vittmi kienu jaħdmu miegħu, kien igħinhom billi jixtrilhom għodda u dak kollu meħtieġ. Mhux xogħol għall-festa tal-Vitorja biss kienu jaħdmu, iżda kienu jsiru ordnijiet ta' xogħol għall-festi ta' rħula oħra. Tant li anke l-gvern kien jordna xogħol għall-ħtiġijiet tiegħu. Proprju fl-isplużjoni, nqerdu mitejn bomba tad-duħħan u murtali tal-ħoss li kienu ordnati għall-manuvri li kellhom isiru l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 1936.

Fir-rapport il-Maġistrat Dr. Francesco Wirth igħid, li l-fabbrika kienet ta' 42 pied kwadru u kienet magħluqa b'ħajt għoli 12-il pied, bi tliet ikmamar interni mbegħda seba' piedi waħda mill-oħra, u fin-nofs kien hemm ġiebja bil-ħnejjiet, li bl-isplużjoni sfrondat. Fil-ġurnata tat-traġedja, f'xi l-10.30 ta' filgħaxija, il-maġistrat rnexxielu jieħu x-xhieda "in articulo mortis" ta' Carmelo Borg u b'hekk sar jaf il-kawża li tefgħet lin-Naxxar f'niket. Carmelo Borg kien qal lil Patist Falzon biex imur miegħu ħa jkissru l-porvli, jirfinawh, u jnaqqsulu mill-ħxuna fil-mehrież. Il-mehrież kien jikkonsisti f'ġebla tal-qawwi mħaffra xi pied diametru u pied u tlieta fond. Biss minflok Falzon mar Emmanuel Agius. Meta Borg ta daqtejn bil-lida tal-injam ġol-mehrież il-porvli ħa n-nar li għamel

ikompli f'paġna 79

ikompli minn paġna 77

vampa kbira, li tajret lil Borg. Borg jaħseb li l-mehrież seta' kien hemm xi tniġġis, jiġifieri billi fil-post kienet titkisser il-potassa bi flixkun fuq l-irħama u mbagħad titgħadda mill-għarbiel, seta' li l-għabra tal-potassa, r-riħ ittrasportah u b'hekk tniġġes il-mehrież. Skond ix-xhieda ta' Vincenzo Gauci l-aħħar li sar dan ix-xogħol kien nhar Corpus Christi fil-11 ta' Ġunju, u li ma jiftakarx li wara dax-xogħol, il-post ġie miknus u maħsul kif soltu jsir. Il-kawża li ġagħlet lil post jaqbad f'daqqa kienet, li kien hemm kwantita ta' murtali.

Fix-xhieda tiegħu Borg jaħseb li kien hemm bejn is-sitt mija u s-seba' mitt murtal, li bejn wieħed u ieħor kienu jikkonsistu f'200 murtal lesti għall-konsenja, kaxxa murtaletti, tnejn jew tliet krietel porvli sewda mhix mimlija, proviżjon ta' kuluri u tilar b'xi 250 murtalett. B'hekk jidher li ħadd ma kien qiegħed jagħti kas tal-artiklu 5 tal-Ordinanza 12 tal-1904. Bl-isplużjoni hu kkalkulat li d-danni li saru fil-bini tal-fabbrika jilħqu l-Lm240.

Il-gazzetti ta' dak iż-żmien ma qagħdux lura milli jirrappurtaw u jikkummentaw fuq il-kas. Barra r-rapport il-"Malta Chronicle", it-"Times of Malta" u l-"Berqa" ddedikaw l-editorjali tagħhom fuq dan il-każ. L-aħbar, ma baqgħetx Malta biss iżda waslet ukoll l-Amerika, fejn dik il-ħabta ħafna Maltin, fosthom Naxxarin, kienu qed jemigraw biex ifittxu xogħol. Il-gazzetta tal-Matin ta' New York "The Maltese Journal" ħabret l-aħbar tad-disgrazzja fil-ħarġa ta' Lulju 1936. B'sinjal ta' luttu, programm li l-banda ta' l-ewwel bataljun tad-"Duke of Wellington's Regiment" li kellha ddoqq fil-pjazza tan-Naxxar, fl-24 ta' Ġunju ġie mħolli għal jum ieħor. B'ġest ta' għajnuna, il-Ħadd 28 ta' Ġunju 1936 fir-Roxy Theatre f'B'Kara fl-4.00 ta' filgħaxija intwera l-film "Mark of the Vampire" u l-flus li jinġabru jmorru għal benefiċċju tal-familji tal-vittmi.

L-eku tat-traġedja ma waqax fuq widnejn torox, għax f'Ottubru tal-istess sena il-Gvernatur Sir Charles Boham Carter ħabbar regolamenti ġodda dwar il-manifattura u l-ħażna ta' splussivi, li bdew isehħu mill-1 ta' Jannar 1937. Biss l-istorja xorta baqgħet tirrepeti ruħha, forsi mhux bil-kobor li ġrat fin-Naxxar, iżda vittmi u niket xorta baqa' jkun hemm, bħalma kien hawn sittin sena ilu fin-Naxxar.

**ANTON CAMILLERI**

***Dokumentazzjoni:***


Arkivji Parrokkjali, Naxxar Lib. Def. 1936
Il-Berqa Ġunju/Lulju 1936
Leħen is-Sewwa, Ġunju 1936
The Malta Chronicle & Imperial Gazette, June 1936
Il-Poplu, Ġunju 1936
Times of Malta, June 1936



☞

IL-KUMITAT TAL-FESTA

JAWGURA FESTA

FERRIEHA U QADDISA

LIN-NAXXARIN KOLLHA